MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 2544/2002

**Tessie Bonello, Antoinette Degiorgio, Tracy Gatt, Sharon Genovese, Anna Cassar, Deborah Agius, Elaine Lagana, Winifred Buhagiar u Rita Criminale**

**vs**

**Stephanie Grima u Helga Turban**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fit-23 ta' Ottubru, 2002, fejn intalab is-somma premess, oltre l-imghax fuq l-istess hija dovuta mill-konvenuti, jew min minnhom.**

**In kwantu l-konvenuta Stephanie Grima peress illi l-hlas li hija ghamlet, favur il-konvenuta l-ohra Helga Turban, ma kienx dovut stante li fl-ewwel lok dan il-hlas l-istess Stephanie Grima ghamlitu meta ma kienetx ghadha delegata ta' l-*All Ages Netball Team u***

**allura ma kienx baqghalha awtorita' li tohrog ic-cekk in kwistjoni, u fit-tieni lok is-servizzi li l-imsemmija Helga Turban irrendiet lit-team imsemmi rrendiethom fuq bazi volontarja u fil-fatt ma kien hemm l-ebda ftehim bejn l-istess Helga Turban u t-team, la verbali u wisq anqas bil-miktub, li a bazi tieghu kellu jsir xi hlas ghas-servizzi rezi minnha. Inoltre, l-hlas li sar mill-konvenuta Stephanie Grima mill-kont tat-team ma kienx awtorizzat mill-membri l-ohra tat-team, kif inhi l-procedura stabbilita' meta t-team huwa addebitat bi hlas. Dan l-agir da parti l-konvenuta Stephanie Grima kkawza lit-team danni fis-somma premessa, oltre l-imghax fuq l-istess, li ghalihom l-istess konvenuta hija responsabbli, u dana kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**In kwantu l-konvenuta Helga Turban, peress li l-hlas li sar favur taghha, ma kienx dovut stante li s-servizzi li l-imsemmija Helga Turban irrendiet lit-team imsemmi rrendiethom fuq bazi volontarja u fil-fatt ma kien hemm l-ebda ftehim bejn l-istess Helga Turban u t-team, la verbali u wisq anqas bil-miktub, li a bazi tieghu kellu jsir xi hlas ghal servizzi rezi minnha, u dana kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti pprezentata fis-7 ta' Novembru, 2002 fejn intqal:**

**1. Illi preliminarjament l-atturi ghandhom jaghtu prova tal-locus standi li ghandhom f'dawn il-proceduri.**
**2. Illi minghajr pregudizzju ghal premess ghandha tinghata provi li qabel ma gew intavolati dawn il-proceduri, l-Malta Netball Association, tat l-awtorizzazzjoni skond klawsola numru 14.09 (iv) tal-Istatut.**
**3. Illi minghajr pregudizzju ghal premess u kif ser jirrizulta mill-provi:**
**a) il-hlas lil Helga Turban sar meta l-konvenuta l-ohra kienet ghadha delegata ta' *All Ages Netball Team* u kellha l-awtorita' li taghmlu.**

**b) Il-hlas sar ghas-servizz moghti mill-konvenuta Helga Turban ghal snin twal bhala coach *ta' All Ages Netball Team*.**
**c) Bl-ispejjez kontra l-atturi.**

**Semgha x-xhieda ta' Tessie Bonello, Sharon Genovese, Nancy Caruana, Romina Carabott, Marguerite De Conti Manduca, Deborah Agius, Rita Criminale, Antoinette Degiorgio, Tracy Gatt, Anna Cassar, Elaine Lagana, Winnie Buhagiar, Helga Turban, Stefanie Grima, Cettina Gauci. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw estensivament il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. L-atturi stitwew dawn il-proceduri kontra l-konvenuti ghal hlas ta' ammont li l-konvenuta Stephanie Grima allegatament effettwat lil Helga Turban, meta l-istess Grima ma kienetx awtorizzata li taghmel tali hlas. Grima allegatament hallset lil Turban ghas-servizzi taghha bhala coaches ma' All Ages Netball Team.**
**2. L-atturi qed ighidu li fiz-zmien li sar il-hlas lil Turban, Stephanie Grima ma kienetx ghadha delegata ta' l-All Ages Netball Team, u ghalhekk ma kienetx awtorizzata taghmel dan il-pagament. Pero', oltre dan, l-atturi qed ighidu wkoll li qatt ma kien hemm ftehim ta' hlas ma' Turban u li s-servizz ta' coach inghata fuq bazi volontarja.**
**3. Il-konvenuti eccepew il-locus standi ta' l-atturi f'din il-kawza u t-Tribunal ta decizjoni preliminari fit-13 ta' Gunju, 2003 fejn cahad din l-ewwel eccezzjoni, bl-ispejjez riservati ghal dan il-gudizzju.**
**4. Tqajjmet ukoll l-eccezzjoni li ghandha ssir prova li l-Malta Netball Association tatx l-awtorizzazzjoni biex jibdew dawn il-proceduri a tenur tal-klawsola 14.09 (iv) tal-istatut. It-Tribunal ra l-klawsola in kwistjoni fl-istatut esibit Dok A, u minn dan ma jirrizultax illi kienet necessarja xi awtorizzazzjoni mill-assocjazzjoni ghal dawn il-proceduri ut sic. Wiehed ma jistax jinterpreta tali klawsola li testendi ruhha**

**ghal dawk li qed jirreklamaw l-atturi fil-kapacita' taghhom personali. In oltre ghandu jigi rilevat illi anke jekk ghal grazzja ta' l-argument wiehed ma jaccettax dan, mid-deposizzjoni ta' Rita Criminale jirrizulta illi l-awtorizzazzjoni lill-assocjazzjoni ntalbet u nghatat.**

**5. It-Tribunal jirrileva illi ttellghu hafna xhieda f'dan il-kaz, meta fil-fatt il-kaz ma kienx daqstant komplikat. Fil-fatt it-Tribunal ghadu tal-fehma li bi ftit ta' buona volonta' da parti ta' kulhadd setgha ntlahaq ftehim minghajr in-necessita' illi jidhlu l-Qorti. Dana kien ikun ferm desiderabbli u kien jirrispekkja l-ispirtu sportiv illi jimmotiva hafna lil kontendenti kollha f'din il-kawza.**

**6. Il-kontestazzjoni principali kienet dwar il-hlas maghmul minn Stephanie Grima.**

**7. Ghandu jinghad illi l-istess Grima kienet id-delegata tal-All Ages Netball Team u f'din il-kapacita' hi kellha r-responsabbilita' illi teffetwa l-pagamenti necessarji bhal per ezempju spejjez relatati ma' xiri ta' kits. Grima kienet delegata ghall-istagun 2000/2001, 2001/2002. Ma jirrizulta minn imkien illi qatt kien jehtigilha xi permess biex thallas il-kontijiet.**

**8. Helga Turban kienet il-coach tat-team ghal erbatax-il sena u l-hlas ta' hames mitt lira (Lm500) li talbet l-istess Turban kien a bazi ta' l-erbatax-il sena shah.**

**9. Jirrizulta illi qabel ma kien hemm Stephanie Grima bhala delegata, kien hemm Rita Criminale. Jirrizulta illi Rita Criminale kienet tnehhiet minn delegata u dana wara li din naqset milli tapplika sabiex it-team jiehu sehem fin-knock out. Jirrizulta illi setgha kien hemm impressjoni qawwija da parti ta' Stephanie Grima ta' nuqqas ta' fiducja f'Rita Criminale da parti tal-membri l-ohra tat-team.**

**10. Jirrizulta illi fit-30 ta' Lulju, 2002 Stephanie Grima nfurmat lit-team illi Helga Turban kienet cemplet lil Cettina Gauci li kienet il-captian tat-team u ndikatilha l-indikazzjoni taghha li titlaq minn coach.**

**11. Fis-7 ta' Awissu 2002 saret laqgha fejn attendew il-membri kollha. F'din il-laqgha Helga Turban**

**infurmat lil kulhadd li kienet ser tirrezenja. Fl-istess laqgha rrizenjaw Cettina Gauci u Josette Calleja.**

**12. Jirrizulta illi wara dawn ir-rezenji, Tessie Bonello illi t-Tribunal ghandu jifhem illi ghandha t-tmexxija principali tat-team, daret fuq Grima staqsietha jekk kienetx ser tirrezenja wkoll. Dak il-hin jidher illi Grima hassitha mwegga' u harget mill-laqgha. Dak inhar stess fl-istess laqgha giet nominata Rita Criminale bhala delegata, Sharon Genovese bhala coach u Deborah Agius bhala captian.**

**13. Jirrizulta illi l-akbar malintiz inholoq f'dan il-punt, cioe' meta Grima telqet mill-laqgha bl-impressjoni li ghadha delegata. Fil-fatt Rita Criminale stess xehdet illi ma rrizenjatx fis-7 ta' Awissu.**

**14. Jirrizulta illi fit-8 ta' Awissu Rita Criminale cemplet lil Grima fejn gharfitha li kienet giet nominata hi bhala delegata, u sabiex din tghaddilha d-dokumenti li kellha. Jirrizulta illi Grima m'afdatx f'dak illi qaltilha Rita Criminale u dan in vista illi kellha mpressjoni li din ma setghetx tigi fdata. It-Tribunal ma jistax jirrileva jekk Grima kellha xi dubbju, dak il-hin messha cemplet lil Tessie Bonello sabiex taghmel il-verifiki opportuni.**

**15. Fil-11 ta' Awissu, 2002 Helga Turban ghaddiet il-kont ta' hames mitt lira (Lm500) lil Stephanie Grima liema kont thallas mill-istess Grima fit-12 ta' Awissu, 2002.**

**16. Fit-12 ta' Awissu 2002 Grima tghid li kienet cemplet lil Tessie Bonello u ma kienx intqal lilha li kienet spiccat minn delegata. Tessie Bonello tichad dan u tghid li qaltilha li riduha bhala membru izda mhux bhala delegat.**

**17. Li jirrizulta minn dan, b'certezza, huwa illi jekk ma kienetx tassew ghadha delegata, Stephanie Grima kienet f'posizzjoni fejn setghet tifhem bic-car illi kien hemm certa nuqqas ta' fiducja fil-konfront taghha. Tenut kont ta' dan, minn hawn il-quddiem Grima kellha tagixxi bl-akbar kawtela fil-mansjonijiet taghha ta' delegata u ma kellha ebda jedd illi terfa' l-piz li thallas ammont li ghal club kien sostanzjali minghajr ma qabel taccerta ruhha mal-membri li tali ammont kien dovut.**

**18. Fit-13 ta’ Awissu 2002 regghet cemplet Bonello lil Grima sabiex din tghaddi d-dokumenti lil Rita Criminale.**

**19. Fis-16 ta’ Awissu 2002 Tessie Bonello rceviet email Dok B minghand Stephanie Grima fejn din irrikonoxxiet lil Rita Criminale bhala delegata.**

**20. Jirrizulta illi fl-20 ta’ Awissu 2002 Tessie Bonello giet infurmata minn Rita Criminale illi Grima kienet irritornat id-dokumenti fid-19 ta’ Awissu 2002. Gie nnutat li kien hemm ittra datata 10 ta’ Awissu 2002 Dok E iffirmata minn Helga Turban bil-kont ta’ hames mitt lira (Lm500): «for coaching services rendered ».**

**21. Jirrizulta illi c-cheque lil Turban inhareg minn Grima fit-12 ta’ Awissu, 2002 Dok F.**

**22. Ma jirrizulta minn imkien illi kien hemm xi ftehim la miktub u lanqas verbali dwar li Helga Turban kellha tithallas bhala coach. Jirrizulta wkoll illi l-coach precedenti Marguerite De Conti Manduca qatt ma thallset, kif ukoll lanqas ma thallset Sharon Genovese li giet mahtura coach wara Turban. Jirrizulta illi kif fil-fatt hija l-prassi fid-diversi teams sportivi x-xoghol sar fuq bazi volontarja. It-Tribunal isib stramb il-fatt illi Turban talbet il-hames mitt lira (Lm500) wara erbatax-il sena u fil-mument li rrezenjat, aktar u aktar meta ma jirrizultax illi kien hemm ebda ftehim f’dan is-sens.**

**23. Fil-fatt jirrizulta illi l-players ma kienux jithallsu lanqas ma kien jithallas il-coach u lanqas id-delegat. Hekk Cettina Gauci li kienet fi zmien minnhom delegata tat-team tikkonferma li qatt ma ghamlet pagamenti lil Helga Turban u lanqas ma ghamlet pagamenti lil xi hadd iehor tat-team.**

**24. Kif innutat Cettina Gauci, u hu gust li jkun hekk, kienet issir kontribuzzjoni volontarja sabiex jinxtara rigal lil coach. Huwa minnu illi Cettina Gauci tircievi xi hlas zghir minghand il-Malta Netball Association pero’ tali hlas irid jittiehed fil-kuntest li qed isir mill-assocjazzjoni nazzjonali peress illi Gauci kienet coach ta’ l-istess. Wiehed irid dejjem izomm distinti l-assocjazzjoni u t-teamijiet.**

**25. Ma hemmx dubbju illi Helga Turban kellha dedikazzjoni kbira ghat-team ta’ l-All Ages, hekk ukoll**

**kif l-istess dedikazzjoni tirrispekkja ruhha f'Cettina Gauci u f'Sharon Genovese u f'Stephanie Grima lkoll f'irwoli rispettivi taghhom. It-Tribunal ma setghax ma jinnutax is-sens ta' solidarjeta' li jezisti fit-team ta' l-All Ages.**

**26. Pero' l-mertu ta' dan il-kaz definittivament ma huwiex l-All Ages Netball Team izda l-hames mitt lira (Lm500) li thallsu lil Helga Turban, u jekk tali hlas setghetx teffetwah Stephanie Grima.**

**27. Kif gia ntqal ma jirrizultax illi Turban kienet intitolata ghal hames mitt lira (Lm500) mitluba. Ma jirrizultax illi kien hemm ftehim la verbali u lanqas miktub dwar il-hlas. Li setghet titlob Turban kien biss xi ammont zghir bhala kumpens ghal spejjez li tkun ghamlet u ghal servigi resi.**

**28. Fil-mument illi Stephanie Grima ma baqghetx delegata ma kienetx awtorizzata aktar li taghmel il-pagament li ghamlet. Ma hemmx dubbju illi l-club ma kienx f'xi sitwazzjoni finanzjarja tajba hafna u jirrizulta illi kienet issir hidma kbira biex jingiebu fondi ghal club.**

**29. Jirrizulta illi Grima harget cheque skond il-kont minghajr ma nfurmat lil hadd.**

**30. Ghalhekk ma jirrizultax illi Grima kellha l-awtorizzazzjoni illi teffettwa l-pagament lil Turban u lanqas ma kellha Turban tithallas b'dana l-ammont.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jichad it-tieni eccezzjoni sollevata qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lil Stephanie Grima u lil Helga Turban ihallsu s-somma ta' hames mitt lira (Lm500) lill-atturi. Bl-imghaxijiet dekorribbli mil-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez kollha inkluzi dawk tad-decizzjoni preliminari tat-13 ta' Gunju, 2003 ghandhom jigu sopportati wgwalment bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------